# QORTI ĊIVILI
**(Sezzjoni tal-Kummerċ)**

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tnax (12) ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru 200/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Amici Projects Limited**
**(C53835)**

**Vs**

**LUTI Limited**
**(C90181);**
**u**
**LUTI Holdings Limited**
**(C90179);**
**u**
**Luca Piacenti**
**(Italian Passport No. YA6855703**
**Italian Identity Card AV5956635);**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta' Marzu 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

> *Illi permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Frar 2019, is-soċjeta' rikorrenti għażlet illi tagħmel kuntratt sabiex jsir subappalt ta' proġett ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Girgor Gatt ġewwa Birkirkara fejn effettivament is-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet inġaggata minn terzi sabiex teżegwixxi x-xogħolijiet. Il-kumpanija intimata Luti Limited intrabtet li tassumi dan l-obbligi.*

*Illi ġara li fil-kuntratt kien hemm ftehim li jkun hemm trasferiment ta' flus sostanzjali intiżi bħala depożitu filwaqt illi dan il-valur kien ser jinqata' mill-pagamenti regolari illi kellhom isiru in linea mal-istess kuntratt.*

*Illi wara ftit taż-żmien jeżegwixxu x-xogħolijiet neċessarji ġara illi Luti Limited waqgħu fi problemi finanzjarji u ma baqgħux f'pożizzjoni li jħallsu l-obbligi tagħhom, pero sabiex jiffaċilitaw it-tkomplija tax-xogħol in buona fede, is-soċjeta' rikorrenti assistit fejn setgħet bis-sitwazzjoni finanzjarja peress illi x-xogħol kien għadu għaddej u ħallset xi pagament għan-nom ta' Luti Limited.*

*Ġara illi wara ftit żmien, rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti bdew jaraw li ħafna mill-materjal, kif wkoll inġenji bdew jisparixxu minn fuq is-sit u dan minħabba li s-soċjeta' Luti Limited, immexxija minn Luca Piacenti, kontinwament kienet qiegħda iżżarma l-assi mobbli tagħha sabiex ma jħallu xejn Malta u l-kumpanija ma tkunx f'pożizzjoni li topera jew tajjeb għall-obbligi tagħha.*

*Illi wara ammont sostanzjali ta' żmien is-soċjeta' rikorrenti ma kelliex għażla għajr li tittermina l-kuntratt minħabba li ma kienx qiegħed isir ix-xogħol adegwat u s-soċjeta' intimata ma baqgħetx sodisfatta li qatt setgħu jsiru x-xogħolijiet neċessarji skond il-ftehim kuntrattwali.*

*Illi l-partijiet iltaqgħu fl-uffiċju tal-avukat tal-fiduċja tas-soċjeta' Luti Limited fejn ġiet iffirmata skrittura privata datata 20 ta' Novembru 2019 bejn il-partijiet, fejn il-partijiet qablu illi l-valur li effettivament ġie versat direttament mis-soċjeta' rikorrenti għas-soċjeta' intimata Luti Limited kienet il-valur ta' €582,605.20.*

*Illi di piu, Luca Piacenti għan-nom tas-soċjeta' intimata kkonferma li s-soċjeta' rikorrenti kopriet wkoll spejjeż tas-soċjeta' Luti Limited għall-valur ta' €62,298.23.*

*Illi peress li kien hemm ammont ta' inġenji għadhom fuq is-sit, il-partijiet qablu li dak il-materjal u għodda li kienu fuq is-sit li kienu jappartjenu lis-soċjeta' intimata Luti Limited kienu ser jingħaddew lis-soċjeta' rikkorenti u l-valur ta' €36,800.00 kien ser jitnaqqas mill-valur dovut.*

*Illi skond l-aħħar kalkoli li kien hemm mill-Project Managers appuntati fuq il-proġett, il-valur globali għax-xogħolijiet illi saru kien ta' €383,934.72 euro.*

*Illi minħabba li Luca Piacenti beda jikkontesta l-kejl, il-partijiet qablu li kienu ser jitterminaw il-kuntratt stante li l-kejl finali kellu jsir fi żmien sebat ijiem u l-valur finali dovut lis-soċjeta' rikorrenti kellha titħallas fi żmien sebat ijiem.*

*Is-soċjeta' intimata Luti Limited, flimkien mad-direttur tagħha Luca Piacenti, naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-iskrittura privata tal-20 ta' Novembru 2019. Huma qatt ma qablu fuq ammount totali tal-flus li*

*kienu dovuti lis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk qatt ma aċċettaw jew ppproponew kif ser jiġi mħallas lura l-valur dovut lis-soċjeta' rikorrenti ta' €224,168.71.*

*Illi Luca Piacenti kellu għarfien ċar li s-soċjeta' Luti Limited ma setgħet qatt tonora l-obbligi tagħha pero baqa' jopera malizzjożament u b'intenzjonijiet frawdolenti sabiex l-assi tal-istess soċjeta' Luti Limited jinħarġu minn Malta mill-intimat Luca Piacenti li eventwalment spiċċa ħarab huwa personalment.*

*Għal dan l-għemil tal-kumpanija intimata Luti Limited, trid twieġeb mhux biss l-istess iżda dawk il-persuni li, għall-għanijiet tagħhom kienu qegħdin imexxuha u li abbużaw mill-privileġġ ta' responsabbilita' limitata mogħtija mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta billi inter alia ma tawx il-kumpanija Luti Limited il-possibilita' reali li tilħaq l-għanijiet li għalihom ikkuntrattat fil-25 ta' Frar 2019 u daħlet fi skrittura sussegwenti datata 20 ta' Novembru 2019. Jista' saħansitra jagħti l-każ li d-direttur tal-kumpanija Luti Limited għamel diversi pretensjonijiet rappreżentazzjonijiet u stqarrijiet foloz, jew li jiżgwidaw - b'hekk l-aġir tal-persuna li finalment kellha kontroll tal-kumpanija Luti Limited kien wieħed qarrieqi u ntiż sabiex ma jigux onorati l-obbligi assunti fl-iskrittura privata tat-20 ta' Novembru 2019.*

*Illi jingħad wkoll illi jekk wieħed iħares lejn il-Memorandum and Articles of Association ta' l-istess kumpannija, wieħed isib li bħala shareholding hemm biss is-soċjeta' Luti Holdings Limited bħala l-azzjonist ta' Luti Limited, waqt li jekk wieħed jħares lejn is-soċjeta' Luti Holdings Limited, din is-soċjeta' għandha biss azzjonist wieħed li huwa l-istess Luca Piacenti li huwa l-unika direttur taż-żewġ kumpanniji intimati u li huwa l-uniku segretarju tal-istess żewġ kumpaniji wkoll. Jingħad wkoll li Luca Piacenti huwa wkoll l-unika punt ta' kuntatt u firmatarju li qatt rrappreżenta lis-soċjeta' Luti Limited.*

*In konsegwenza ta' dan l-aġir abbużiv, li għandu jwassal għat-telf tal-privileġġ tal-limitazzjoni ta' responsabbilita' konċess mill-Art. 67 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpanija attriċi sofriet danni konsiderevoli b'tali mod li kemm-il darba t-talbiet tagħha f'dawn il-proċeduri ma jiġux milqugħha hija ser issib ruħha mingħajr rimedju effettiv.*

*It-tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni bonarja għall-vertenza odjerna kienu bosta iżda l-intimati, jew min minnhom, baqgħu jistaħbew wara l-personalita' ġuridika a skapitu tal-kumpanija rikorrenti; fatt li anke waħdu għandu jitqies bħala abbuż tal-limitazzjoni ta' responsabbilita' konċess mill-Art 67 tal-386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri sabiex jitwarrab il-personalita' ġuridika separata tal-kumpanija u jinżamm responsabbli in solidum Luca Piacenti.*

*Talbiet*

*Jgħidu għalhekk l-intimati l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, wara li tagħti dwak il-provvedimenti u tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet li jidhrilha meħtieġa, għar-raġunijiet premessi:*

*1.) Tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tal-20 ta' Novembru 2019;*

*2.) Tiddikjara li l-intimati, partikolarment Luca Piacenti abbuża, u/jew kien kompartecipi fl-abbuż, mill-privileġġ ta' responsabbilita' limitata mill-67 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għalhekk tilfu l-istess privileġġ;*

*3.) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ibbenefikaw illeċitament mill-abbuż u/jew komparteċipazzjoni fl-istess u li huma għaldaqstant solidament responsabbli versu l-kumpanija attriċi illimitatament;*

*4.) Twarrab għaldaqstant il-personalita' ġuridika separata tal-kumpaniji Luti Limited u ta' Luti Holdings u żżomm lill-intimat Luca Piacenti, responsabbli solidament u illimitatament versu l-kumpanija attriċi fir-rispett tal-obbligi assunti fuq il-kuntratt tal-25 ta' Frar 2019 u sussegwentement dawk tal-iskrittura privata tal-20 ta' Novembru 2019;*

*5.) Tordna konsegwentement lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jottemperaw ruħhom mal-obbligi assunti fuq l-iskrittura tal-20 ta' Novembru 2019;*

*6.) Tiddikjara illi l-aġir tal-intimati, jew min minnhom, ikkawża danni lill-kumpannija rikorrenti kien malizzjuż u frawdolenti;*

*7.) Tikkundanna lill-intimati, inkluż Luca Piacenti in solidum iħallsu l-valur ta' €224,168.71 euro li huwa ċert, likwidu u dovut.*

*8.) Tillikwida d-danni ulterjuri sofferti mill-kumpanija rikorrenti;*

*9.) Fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jonqsu li jottemporaw ruħhom mal-eventwali ordni ta' din l-Onorabbli Qorti skont il-ħames talba jew fin-nuqqas ta' akkoljiment tal-istess talba, tordna lill-intimati jew minn minnhom iħallsu lill-kumpanija rikorrenti d-danni skont it-talba preċedenti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax fuq kull somma likwidata u/jew dovuta lill-kumpanija rikorrenti mid-data illi l-istess saret hekk dovuta sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, ossija:

a. Il-ftehim ta' xogħolijiet datat 25 ta' Frar 2019, bejn is-soċjeta' Amici Projects Limited u LUTI Limited. (fol 15)

b. Il-ftehim ta' terminazzjoni datat 20 ta' Novembru 2019. (fol 28)

c. Statement tal-pagamenti kollha illi saru mis-soċjeta' Amici Projects Limited lis-soċjeta' Luit Limited fl-import totali ta' €582,605. (fol 35)

d. Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' LUTI Limited. (fol 37)

e. Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' LUTI Holdings Limited. (fol 52)

f. Rendikont tax-xogħolijiet illi għamlet is-soċjeta' LUTI Limited, li ammontaw għal €383,934.72. (fol 70)

3. Rat illi s-soċjeta' LUTI Holdings Limited, LUTI Limited u l-intimat Luca Piacenti ġew notifikati bl-affissjoni fit-30 ta' Ottubru 2020 ġewwa l-Kunsill Lokali u l-Għassa tal-Mosta (fol 79), fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Frar 2021, (fol 85), fil-gazzetta The Malta Independent tat-12 ta' Marzu 2021 (fol 87) u fil-gazzetta In-Nazzjon tas-16 ta' Marzu 2021. (fol 88)

4. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2021, meta ssejjħet il-kawzż, ma deher ħadd mill-intimati u għalhekk ġew ilkoll dikjarati bħala kontumaċi.

5. Rat illi, fid-19 ta' Ottubru 2021, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti kkonvertiet ruħha fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **David Bonnici**, Direttur u rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti Amici Projects Limited, mogħtija fid-19 ta' Jannar 2022. (fol 95)

7. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

8. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2022, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi intimati.

9. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, la dehru l-intimati kontumaċi, u wisq anqas ma ġew ppreżentati sottomissjonijiet da' parte tagħhom.

10. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

11. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2022, il-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

12. Jirriżulta illi s-soċjeta' Amici Projects Limited kienet rebħet tender maħruġ mis-soċjeta' Malita' Investments plc, intitolat '***Contract for the Construction of 73 Apartments and 56 Garages at Triq Tas-Sisla and Triq Girgor Gatt, Birkirkara***'.

13. Jirriżulta illi, fil-25 ta' Frar 2019, is-soċjeta' Amici Prpjects Limited daħlet fi ftehim mas-soċjeta' LUTI Limited, hemm rappreżentantat mill-intimat Luca Piacenti, sabiex tali soċjeta' tagħmel ix-xogħolijiet f'tali sit li kien mogħti b'tender lis-soċjeta' rikorrenti minn Malita Investments p.l.c.

14. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, hekk kif beda l-appalt, għamlet varji pagamenti akkont tal-kuntratt finali bejn Frar 2019 u Ottubru 2019 fl-import totali ta' €582,605.02.

15. Jirriżulta, iżda, illi sussegwentement, is-soċjeta' LUTI Limited, wara li bdiet ix-xogħolijiet, bdiet tnaqqas fix-xogħolijiet tagħha u saħansitra waqfet wara illi Luca Piacenti beda jinforma lis-soċjeta' rikorrenti illi kellu problemi finanzjarji u kellu bżonn aktar flus minn dak illi kien ġia lilu mogħti.

16. Jirriżulta illi, eventwalment, permezz ta' ftehim datat 20 ta' Novembru 2019, is-soċjeta' rikorrenti u LUTI Limited għażlu illi jitterminaw l-appalt tal-25 ta' Frar 2019. (fol 28)

17. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' LUTI Limited aċċettat illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ħallsitha s-somma ta' €582,605.20 u l-partijiet qablu illi sa għaxart ijiem wara, kienu ser jiltaqgħu biex jieħdu l-aħħar kejl ta' xogħol ħalli jiġi stabbilit kemm kellu jiġi rifuż lis-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi s-soċjeta' LUTI Limited aċċettat li tgħaddi makkinarju gia fuq il-lant tax-xogħol, lil-valur ġie stabbilit li jammonta għal €38,000, lis-soċjeta' rikorrenti bħala parti mill-ħlas lura tas-somma li kellha tiġi rifuża.

18. Jirriżulta, iżda, illi s-soċjeta' LUTI Limited, tramite ir-rappreżentant tagħha Luca Piacenti, baqgħet inadempjenti u Luca Piacenti spiċċa irreparibbli u ma seta' jinstab imkien.

19. Jirriżulta, nelfrattemp, illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet il-konteġġi tagħha u kkonkludiet lis-soċjeta' LUTI Limited kienet għamlet xogħol fil-valur ta' €383,934,72 bir-riżultat illi, kif stqarr ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-19 ta' Jannar 2022, David Bonnici, is-somma dovuta mis-soċjeta' LUTI Limited kienet tammonta għal €224,168.71.

## Ikkunsidrat

20. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, permezz tal-proċeduri odjerni, apparti l-ħlas tal-ammont ta' €224,168.71 kif fuq ġia spjegat, talbet ukoll lill-dina l-Qorti, sabiex tikkundanna lill-intimati jħallsu wkoll għal danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti.

21. Jirriżulta wkoll illi, apparti tali talbiet, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti wkoll sabiex tiddikjara illi Luca Piacenti abbuża mill-privileġġ ta' responsabbilta' limitata kif stabbilita fl-Artikolu 7 tal-Kap 386, bir-riżultat illi huwa kellu jinżamm personalment responsabbli għad-danni li sofriet is-soċjeta' rikorrenti riżultat tal-aġir malizzjuż u frawdolenti tiegħu.

22. Għalhekk, hawnhekk il-Qorti jehtiġilha tidħol fil-meritu dwar jekk kienx hemm aġir malizzjuż u frawdolenti ta' Luca Piacenti illi tista' eventwalment twassal sabiex il-privileġġi li huwa jgawdi bħala azzjonist jinteħħewlu u jiġi espost għar-responsabbilta' personalment wkoll, 'l hekk imsejħa 'lifting of the corporate veil'.

## Ikkunsidrat

23. Kif osserva l-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tiegħu **Principles of Maltese Company Law**,:

> *"Both the English and the Maltese courts have not hesitated to lift the corporate veil in circumstances where the corporate form has been used for a fraudulent or improper purpose, including its use to evade a contractual or other legal obligation."*
>
> ....
>
> *"In this respect, the following broad categorisation of the traditional 'lifting of the corporate veil' cases can be tentatively attempted: (.....) (ii) cases where a person (corporate or otherwise) is not allowed to circumvent his obligations by the expediency of acting through a separate company and pleading its separate juridical personality (effectively another exception to the principle of separate juridical personality; ...*
>
> *The 'fraud or improper conduct' inroad had also featured prominently in a number of Maltese cases. Three of these merit detailed attention: Dr. José Herrera noe et vs. Tancred Tabone et noe, Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et and Nevada Limited et vs. Hubert Mifsud et. In all three cases, the courts relying on the paramount principle of good faith, lifted the corporate veil where the corporate form was used to evade contractual obligations.*
>
> …
>
> *Clearly, English and Maltese courts will ignore, or look behind, the separate juridical personality of a company if it is shown that there has been fraud or improper conduct.*

24. Kif intqal fil-ktieb Boyle & Bird's **Company Law** (7th Edition 2009 p62),

> *'It is well established that the courts will not allow the corporate forms to be used for the purposes of fraud, or as a device to evade a contractual or other legal obligation.'*

25. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Imħallef Dottor Alberto Giuseppe Magri et vs Aeroflot Russian International Airlines**, deċiża fl-1 ta' Lulju 2005,

> *'Dawn il-Qrati għamluha wkoll ċara li fejn jirriżulta li jkun hemm aġir skorrett li juri mala fede m'għandux japplika l-prinċipju ta' separate juridical personality.'*

26. Fis-sentenza sentenza fl-ismijiet **Edward u Giovanni Leone Enriquez vs. Avukat Dr. Anthony Farrugia et** iċċitata fil-ktieb tal-Prof. Muscat intqal hekk:

> *Il-Qorti tifhem li fejn jirriżulta aġir skorrett li juri 'mala fides' ma għandhiex tħalli lil min jaħti għal dan l-aġir jieħu vantaġġ mill-'mala fides' tiegħu. Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju ġuridiku ma għandu immunità mill-prinċipju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa meħtieġ li l-Qorti tipprexxindi mill-personalità separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tieħu dan il-pass.*

27. Fis-sentenza L-Avukat **Dr Ivan Sammut vs Winetailors Limited**, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2016, il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *Illi l-personalità ġuridika separata tal-kumpannija, ċjoè is-separazzjoni netta tal-kumpannija mill-membri tagħha, titqies li hija prinċipju fundamentali tal-liġi tal-kumpanniji. Madankollu bħala eċċezzjoni għal din ir-regola, kemm il-liġi Maltija u dik Ingliża li fuqha hija immudellata, kif ukoll il-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom, okkażjonalment ippermettew illi tiġi injorata l-identità separata tal-kumpannija minn dik tal-membri tagħha, u l-azzjonist fl-aħħar mill-aħħar inżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija.*
>
> *Illi għad li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward mhijiex daqstant estensiva, minnha joħroġ ċar illi fejn tirriżulta l-mala fede, in-nuqqas ta' imġiba korretta jekk mhux saħansitra l-frodi minn naħa tal-azzjonist li juża l-kumpannija li tkun taħt il-kontroll assolut tiegħu bħala lunga manus biex jeludi u jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali li jkun daħal għalihom, dan m'għandux jitħalla jinħeba wara l-paraventu tal-kumpannija, imma għandu jinżamm personalment responsabbli għal djun tal-kumpannija li jkunu saru b'mala fede, imġiba skorretta jew frodi*

28. L-istess Qorti tgħaddi biex tagħmel referenza ukoll għall deċiżjoni tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana mogħtija fil 25 ta' Jannar 2000, fejn intqal hekk:

> *"il socio c.d. sovrano, vale a dire il socio di controllo di una società di capitali..., quando si serva della stru ura sociale come schermo, trasformandosi cos in socio c.d. tiranno, al ne di ges re i propri a ari con responsabilità limitata, incorre nell'abuso della personalità giuridica, ravvisabile allorch alla forma societaria corrisponda una ges one in tu o e per tu o individuale, con conseguente con gurabilità di una responsabilità civile e penale, avuto riguardo al ruolo da lui svolto*

**Ikkunsidrat**

29. Ikkunsidrat tali tagħlim dwar meta l-personalita' ġuridika separata ta' kumpannija għandha tiġi miżmuma u meta għandha titneħħa, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-fatti tal-każ odjern.

30. Jirriżulta, mill-provi prodotti, u partikolarment il-Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' LUTI Limited (fol 37), illi tali soċjeta', inkorprata fl-10 ta' Jannar 2019, għandha bħala azzjonist **<u>uniku</u>** lis-soċjeta' LUTI Holding Limited, illi

għandha 1,200 Ordinary Shares ta' €1 kull wiehed, li minnhom kien hemm 20% paid up.

31. Jirriżulta wkoll illi Luca Piacenti, residenti ġewwa Ruma, l-Italja, huwa l-uniku Direttur tas-soċjeta' kif Segretarju tas-Soċjeta' wkoll.

32. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' LUTI Holding Limited, illi hija wkoll ġiet iffurmata fl-10 ta' Jannar 2019, għandha bħala azzjonist **uniku** lill Luca Piacenti, residenti ġewwa Ruma, l-Italja, illi għandu 1,200 Ordinary Shares ta' €1 kull wieħed, li minnhom kien hemm 20% paid up.

33. Jirriżulta wkoll illi, bħal fil-każ ta' LUTI Limited, Luca Piacenti, residenti ġewwa Ruma, l-Italja, huwa l-uniku Direttur tas-soċjeta' kif Segretarju ta' tali Soċjeta' wkoll.

34. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi wara s-soċjeta' LUTI Limited kif ukoll is-soċjeta' LUTI Holdings Limited, hemm persuna waħda biss – ossija Luca Piacenti.

35. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda diffikulta illi tasal għall-konklużjoni illi għalhekk kemm is-soċjeta' LUTI Holdings Limited u s-soċjeta' LUTI Limited huma paraventu għal Luca Piacenti.

36. Jirriżulta, madanakollu, illi dana il-fatt, waħdu, ma jfissirx illi l-Qorti għandha tgħaddi biex tneħħi l-privileġġ ta' limitazzjoni mogħti lil Luca Piacenti bħala azzjonist peress illi, filwaqt illi tali konfigurazzjoni ta' kumpanniji ma hijiex waħda illegali, għalkemm ċertament dubjuża u rażenti l-frawdolenti, tali fatt waħdu ma jwassalx biex jsir dak hemm magħruf bħala '*the lifting of the corporate veil*'.

37. Hawnhekk, il-Qorti trid teżamina l-aġir ta' Luca Piacenti fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, sabiex tara jekk attwalment l-istess Luca Piacenti qiegħed juża lill-kumpanniji sabiex jaħrab mill-obbligi kuntrattwalment b'mala fede u mod frawdolenti a detriment tas-soċjeta' rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

38. Jirriżulta, mix-xhieda ta' David Bonnici, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, illi għalkemm Luca Piacenti, bil-kumpannija tiegħu LUTI Limited, kien obbliga ruħu illi jagħmel ix-xogħolijiet minnufih u entro perjodu ta' żmien, ħaġa illi huwa beda jagħmel, huwa madanakollu beda jitlob ħlasjiet bil-quddiem illi kienu jmorru 'l hinn mid-depositu ta' għoxrin fil-mija (20%) illi kien jistabilixxi l-kuntratt ta' appalt lilu mogħti.

39. Jirriżulta wkoll illi, mument minnhom, Luca Piacenti beda jgħid lir-rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti, ossija David Bonnici, illi kellu bżonn aktar flus peress illi kellu problemi finanzjarji u s-soċjeta' rikorrenti, in buona fede u biex tagevolah sabiex jiġi assikurat li l-proġett jitkompla kif miftiehem, bagħtet tgħaddilu varji pagamenti, bir-riżultat illi laħqet għaddietlu l-ammont ta' €582,605.20.

40. Jirriżulta, iżda, li minkejja li ngħaddewlu tali flejjes, li jidher li kienu bil-ferm aktar mill-valur tax-xogħol illi kien għamel, li sussegwentement kien stabbilit mis-soċjeta' rikorrenti illi ammonta għal €383,934.72, Luca Piacenti permezz tal-kumpannija tiegħu baqa' sejra lura fix-xogħolijiet, u saħansitra beda jieħu lura makkinarju illi kien installat fuq il-lant tax-xogħol u ħaddiema ma baqgħux imorru jaħdmu.

41. Jirriżulta illi, rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, ir-rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti iffaccjaw lill-Luca Piacenti dwar dan, u huwa qabel magħhom li ma setax ikompli u, għal dan il-għan, ftiehem li jittermina l-appalt permezz ta' ftehim datat 20 ta' Novembru 2019.

42. Jirriżulta illi f'tali ftehim, Luca Piacenti qabel illi s-soċjeta' rikorrenti kienet għaddietlu pagamenti f'total ta' 582,605.20 kif ukoll illi kienet għamlet pagamenti minnu dovuti lil terzi fl-ammont ta' €62,298.23, b'total ta' €644,903.45.

43. Jirriżulta wkoll illi f'tali ftehim, Luca Piacenti qabel illi s-soċjeta' rikorrenti tieħu l-għodda li kien għad fadal fuq il-lant tax-xogħol, valutat fis-somma ta' €38,000 filwaqt illi qabel li kellhom jiltaqgħu sa għaxart ijiem wara, sabiex jagħmlu l-konteġġi finali tax-xogħol, biex jiġi stabbilit kemm kellu jiġi minnu rifuż lis-soċjeta' rikorrent, peress illi kien ġia ovvja li s-soċjeta' rikorrenti kienet ħallset ferm aktar mix-xogħol minnu magħmul.

44. Jirriżulta, iżda, illi flok ma ltaqa' mas-soċjeta' rikorrenti biex jagħmel tali konteġġi, Luca Piacenti sparixxa minn Malta u, minkejja varji tentattivi da' parte tas-soċjeta' rikorrenti w ir-rappreżentanti tagħha, biex jikkomunikaw miegħu, dana baqa' irriperibbli.

45. Jirriżulta, għalhekk, illi s-soċjeta' rikorrenti kien għad fadallha bilanċ ta' €222,968.71 li tiġbor mingħandha. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi, filwaqt li fir-rikors promotur, is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi l-valur tal-makkinarju kellu jkun ta' €36,800, jirriżulta illi fil-ftehim, il-valur kien indikat fis-somma ta' €38,000, w il-Qorti tqis illi għandha timxi mal-valuri kif stabbiliti fil-kuntratti, bir-riżultat illi l-bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti ma huwiex ta' €224,168.71, kif minnha indikat fir-rikors promotur, iżda huwa ta' €222,968.71.

46. Il-Qorti tosserva li ma jista' jkun ebda dubju illi l-aġir ta' Luca Piacenti fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti kien wieħed malizzjuż u frawdolenti, fejn għamel minn kollox biex jieħu kemm jiflaħ flus mingħand is-soċjeta' rikorrenti, u sparixxa hekk kif intebaħ li ma setax ilaħħaq max-xogħol u ma setax jirrifondi l-flejjes lura.

47. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi kien hemm frodi kommess minn Luca Piacenti fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, liema reat sar bir-rieda ta' Luca Piacenti u bi ħsara lis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk Luca Piacenti għandu jitqies personalment responsabbli u ma jistax jistaħba wara l-velu korporattiv ta' LUTI Limited u/jew LUTI Holdings Limited.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' LUTI Limited u Luca Piacenti naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tal-20 ta' Novembru 2019;

**Tiddikjara** li l-intimat Luca Piacenti abbuża mill-privileġġ ta' responsabbilita' limitata mill-67 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għalhekk tilef l-istess privileġġ;

**Tiddikjara** li l-intimat Luca Piacenti ibbenefika illeċitament mill-abbuż u li huma għaldaqstant solidament responsabbli versu l-kumpanija attriċi illimitatament;

**Tiddikjara** illi, in vista ta' tali frodi u abbuż, qiegħda twarrab il-personalita' ġuridika separata tal-kumpaniji Luti Limited u ta' Luti Holdings u żżomm lill-intimat Luca Piacenti, personalment responsabbli solidament u illimitatament versu l-kumpanija attriċi fir-rispett tal-obbligi assunti fuq il-kuntratt tal-20 ta' Novembru 2019;

**Tastjeni** milli tordna lill-intimati sabiex jottemperaw ruħhom mal-obbligi assunti fuq l-iskrittura tal-20 ta' Novembru 2019, stante jirriżulta illi l-apparat li kellu jingħadda lis-soċjeta' rikorrenti jinstab fil-pussess tagħha w il-kejl tax-xogħol sar mis-soċjeta' rikorrenti;

**Tiddikjara** illi l-aġir tal-intimat Luca Piacenti kien wieħed malizzjuż u frawdolenti;

**Tikkundanna** lill-intimati LUTI Limited, LUTI Holdings Limited u Luca Piacenti ***in solidum bejnethom*** iħallsu l-valur ta' **mitejn, tnejn u għoxrin elf, disgħa mija u tmenja u sittin Euro u wiehed u sebgħin ċenteżmu (€222,968.71)** rappreżentanti flejjes mgħoddija lill-intimati għal xogħol li eventwalment ma' sarx mill-istess intimati.

Tastjeni milli tillikwida d-danni ulterjuri sofferti mill-kumpanija rikorrenti stante illi ma nġabet ebda prova dwar danni ulterjuri;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati kollha insolidum bejniethom.

Imgħax huwa dovut mid-data tar-rikors ġuramentat sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**